# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Novembru, 2023.**

**Numru 6**

**Rikors numru 135/2018/1 AL**

**Rennie (Redeemer) Abela**

**v.**

**Moira (Maria) Abela ġia Camilleri *sive* Moira (Maria) Abela Camilleri**

**Il-Qorti:**

1. Din hija deċiżjoni dwar appell imressaq mill-konvenuta kontra digriet mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-22 ta' Novembru, 2022, li permezz tiegħu ġiet miċħuda talba għall-ħatra ta' espert tekniku.

**Daħla**

2. B'rikors tat-3 ta' Novembru, 2022, il-konvenuta fissret li l-attur ressaq prospett dwar xogħlijiet li wettaq ġewwa d-dar matrimonjali u li dwarhom qiegħed jippretendi li jingħata kumpens mingħand il-konvenuta. Dan il-prospett jinsab f'paġni 132 sa 136 tal-atti tal-kawża u b'kollox jirriżulta li l-attur qiegħed isostni li wettaq xogħlijiet u servizzi fid-dar matrimonjali li għandhom valur ta' €125,596.

3. Il-konvenuta ma qablitx ma' dawn l-ammonti, tant li fir-rikors tagħha hija qalet li ħafna mix-xogħlijiet imsemmija fil-prospett ma sarux, li n-numru ta' sigħat ta' xogħol li l-attur jgħid li ħadem fid-dar huma esaġerati u li r-rati tal-prezz tax-xogħol imsemmija minnu ma jirriflettux il-prezzijiet tax-xogħol ta' dak iż-żmien, partikolarment meta wieħed iqis li l-attur m'għandux xi taħriġ jew sengħa partikolari.

4. Għalhekk il-konvenuta talbet lill-Ewwel Qorti sabiex taħtar espert tekniku ħalli:

> *"1. Jieħu konjizzjoni tal-prospett ta' xogħlijiet ippreżentat mill-attur a fol 132 et seq tal-proċess;*
>
> *2. Jaċċedi ġewwa d-dar matrimonjali tal-partijiet bl-indirizz 39, Triq Santu Wistin, ir-Rabat, bil-għan li jieħu l-kejl opportun u jagħmel il-kostatazzjonijiet kollha tekniċi li jkun hemm bżonn biex ikun jista' jirrelata dwar ix-xogħlijiet allegatament imwettqa mill-attur;*
>
> *3. Konsegwentement, iħejji relazzjoni fejn jindika:*

*3.1 In-numru ta' sigħat li jqis li kienu raġonevolment meħtieġa għat-twettiq u t-tlestija ta' kull biċċa xogħol li jippretendi li għamel l-attur fid-dar matrimonjali; u*

*3.2 Ir-rata tal-ħlas realistikament applikabbli fis-suq miftuħ għal kull biċċa xogħol li jippretendi li għamel l-attur fid-dar matrimonjali fiż-żmien li attwalment twettqu x-xogħlijiet.*

*u dan salv kwalsiasi provvediment li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun."*

5. Il-konvenut oppona għall-ħatra ta' espert tekniku permezz ta' risposta mressqa fil-21 ta' Novembru, 2022 għar-raġunijiet li ġew imfissra hekk:

*"i. L-Attur ressaq bl-iktar mod dettaljat il-provi tiegħu fuq u dwar il-fatti kollha, anke kif jindika d-Dokument ALPHA 1 hawn maħluf u mehmuż ma' dina r-Risposta Ġuramentata, relatati dwar il-ħajja matrimonjali inkluż il-ħidmiet illi wettaq u li jirriżulta ċar illi mhux qed jiġu kkontestati mill-Intimata.*

*ii. Illi dana jfisser li kien hemm kull opportunità skont il-Liġi Proċedurali biex issir talba għan-nomina ta' Espert Tekniku fil-mument opportun tul il-kawża fejn il-fatti setgħu jiġu eżaminati, studjati, u kull naħa jkollha l-opportunità li tressaq il-provi tagħha, il-kontro-provi, u jinġabu d-dettalji kollha li kienu jew setgħu kienu meħtieġa: hekk għamel l-Attur tul il-fażi tiegħu tal-Provi, sarlu l-kontroeżami u ma seħħew ebda kummenti jew indaġni dwar il-ħidmiet li wettaq l-attur, fejn kull naħa kellha kull opportunità li tressaq  jew tikkumenta b'mod validu dwar dawna l-provi ta' ħidmiet attriċi.*

*iii. Issa l-intimata għax tinsab fi stat ta' desperazzjoni li se titlef kollox minħabba li rriżultaw fatti mhux kontradittorji li dana "ż-żwieġ" tkisser assolutament minħabba l-qerq, l-ingann, il-gideb u l-manuvrar makjaveljan tagħha, qiegħda tippanikkja u ssollevat eċċezzjoni meta kienet taf illi l-parametri biex tagħlaq il-provi tagħha kienu issa ġew determinati mill-Onorabbli Qorti u kien jonqos biss li jsiru skont il-Liġi il-kontroeżamijiet da parti tal-attur ġa "żewġha": f'dana r-Rikors tal-Intimata hija tagħmilha ċara li qiegħda "teċepixxi" u ma tistax tressaq eċċezzjonijiet ta' dana t-tip f'dana l-istadju tal-għeluq tal-provi, meta kieku kellhom jintlaqgħu dawna t-tliet talbiet tal-konvenuta, il-provi jkunu jridu jerġgħu jinfetħu mill-ġdid, inkella kif sejra issir ġustizzja mal-attur jekk dana ma jkollux il-mezzi biex iwieġeb għad-domandi li bilfors l-espert ikun irid isaqsi, trid tara t-tariffi ta' dak iż-żmien*

*imsarrfin bir-rati ta' żminijietna, jiġu mfissra l-provi li ressaq l-attur u naturalment ikunu jridu jsiru l-kontroeżamijiet da parti tal-intimata: allura dana se jsir meta l-Qorti diġà kienet iddikjarat il-provi magħluqa għajr għall-aħħar direttivi tagħha lill-intimata bir-riżerva tal-kontroeżamijiet da parti tal-attur? Dana fiċ-ċirkostanzi ma jagħmilx sens, billi jidher ċar illi l-intimata għamlet dana r-rikors minħabba l-istat ta' paniku isteriku li tinsab fih għax issa nkixfilha kollox fin-negattività u l-qerq tagħha versu l-attur u ż-żewġ uliedha tul dawna s-snin kollha!! Il-Liġi qiegħda hemm mhux biex tintuża kif jaqblilna (kif qiegħda tagħmel dina Moira sive Maria) għax il-ġustizzja trid tidher b'mod enfatiku li qiegħda ssir, li ma jkunx il-każ kieku jintlaqgħu dawna t-tliet talbiet panikużi tal-konvenuta.*

*iv. Illi l-ħidma prevista li suppost għandha ssir minn dana "l-Espert" tirrikjedi xogħol kbir, li jfisser spejjeż kbar u ħafna seduti ta' sjegazzjoni li bilfors ikunu jridu jinvolvu lill-Attur u xhieda oħra estraneji biex jintaħqu l-objettivi wara l-malizzja tat-tliet talbiet tal-konvenuta: allura sejrin jerġgħu jinfetħu l-provi mill-ġdid wara li l-Onorabbili Qorti diġà għalqithom skont kif imfisser? Dana ma jagħmel assolutament ebda sens, meta l-konvenuta kellha kull opportunità, jerġa' jiġi ripetut, li tissolleva dana kollu preliminarjament meta ssottommetiet ir-Risposta Ġuramentata tagħha, u waqt il-kontroeżami tal-attur li l-konvenuta wettiqtlu b'leġġerezza kbira u nuqqas ċarissimu ta' interess u tħejjija: il-proċedura ta' kif jitmexxew il-kawżi fortunatament ma timplimentahomx il-konvenuta li dejjem insistiet li riedet teħles minn dina l-kawża mill-iktar fis possibili!!*

*v. Illi għalhekk it-tliet talbiet tal-konvenuta għandhom jiġu miċħuda fuq raġunijiet legali u dawk prattiċi, minbarra l-ispejjeż enormi li se jkunu rikjesti biex iseħħ dana l-eżerċizzju, it-tul ta' ħin u snin possibilment biex iseħħ dina r-riċerka kollha, u naturalment il-kompetenza tal-Espert jew probabbilment l-Esperti li jkunu meħtieġa billi l-attur wettaq waħdu diversi ġeneri ta' xogħol, għax id-dar matrimonjali rristruturizzaha kollha kemm hi [u hija dar kbira] l-istess Attur, fejn allura jkun irid isir aċċess formali anke mill-istess Qorti nnifisha: jerġa' jiġi ripetut, sejrin nifħu l-kawża mill-ġdid meta issa dawna l-provi huma kif spjegat diġà magħluqa?*

*vi. Illi, għaldaqstant, l-attur qiegħed umilment u bir-rispett kollu, jitlob lill-Onorabbli Qorti sabiex tidderiġi, tiddikjara u tordna illi dawna t-tliet talbiet panikużi u li jindikaw l-instabilità psikoloġika u mentali tal-intimata għandhom jiġu bil-qawwa tal-Liġi kollha respinti u saħansitra kkundannati għall-abbuż proċedurali li twettaq u ġie pperpetrat mill-intimata Moira.*

*vii. Illi l-Onorabbli Qorti għandha tagħti dawk id-Direttivi, Provvedimenti, Struzzjonijiet, Ordnijiet jew dak li fis-setgħat tagħha tista' tiddereġi fl-inkwadratura tal-kontenut ta' dina r-Risposta Ġuramentata odjerna.*

*viii. Illi l-ispejjeż ta' kwalsiasi natura għandhom jiġu sopportati mill-konvenuta Moira billi hija l-konvenuta li qiegħda taħli dana l-ħin prezzjuż lill-Qorti u ġġiegħel lill-attur jinkombi dawna l-ispejjeż kollha, issa iktar u iktar b'dina l-aberazzjoni mentali tal-konvenuta li fl-aħħar tal-ġbir tal-provi ħarġet b'dawna t-tliet talbiet assurdi għar-raġunijiet umilment sottomessi mill-attur.*

*ix. Tant għandu x'jissottometti bl-ikbar rispett u umiltà l-esponenti attur b'fiduċja li l-Onorabbli Qorti se tara li l-ġustizzja tabilħaqq tidher li qiegħda sseħħ.*

*HEKK ALLA JGĦINI!"*

6. Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma appuntatx dan ir-rikors għas-smigħ u **<u>b'digriet kamerali tat-22 ta' Novembru, 2022</u>**, li minnu sar dan l-appell, hija ddeċidiet hekk:

*"Tiċħad it-talba għal uħud mir-raġunijiet imsemmija fir-risposta."*

7. L-ewwel seduta tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), wara l-għoti ta' dan id-digriet kamerali, inżammet fl-24 ta' Jannar, 2023 (ara paġna 2104 tal-atti tal-kawża).

8. Fis-26 ta' Jannar, 2023, il-konvenuta ressqet rikors, li permezz tiegħu talbet lill-Ewwel Qorti sabiex tagħtiha l-awtorizzazzjoni li tappella mid-digriet tat-22 ta' Novembru, 2022 (ara paġni 2106 sa 2108 tal-atti tal-kawża).

9. L-attur oppona għal dan ir-rikors biex il-konvenuta tingħata l-jedd tal-appell, bi tweġiba tad-9 ta' Frar, 2023 (ara paġni 2111 sa 2113 tal-

atti tal-kawża).

10. B'digriet kamerali tat-13 ta' Frar, 2023 (ara paġna 2130 tal-atti tal-kawża), l-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

> *"Fl-ewwel lok, il-Qorti tippreċiża illi din il-kawża ilha pendenti għal madwar ħames snin u illi l-proċeduri twalu inutilment.*
>
> *Fit-tieni lok, il-Qorti tiċċara illi t-talba tal-konvenuta kienet ġiet miċħuda peress illi t-talba saret tardivament, meta kienu qed jinstemgħu l-aħħar kontroeżamijiet. Il-konvenuta messha għamlet it-talba ferm qabel.*
>
> *Nonostante ciò, il-Qorti tilqa' t-talba."*

11. L-ewwel seduta fil-miftuħ, li saret wara li ngħata dan id-digriet, inżammet fl-24 ta' Mejju, 2023 (ara paġna 2150 tal-atti tal-kawża).

12. Il-konvenuta appellat mid-digriet tat-22 ta' Novembru, 2022 u talbet għat-tħassir tiegħu permezz ta' rikors imressaq fit-30 ta' Mejju, 2023.

13. L-attur wieġeb għal dan l-appell fit-13 ta' Ġunju, 2023 u semma għaliex dan ma jistħoqqlux li jintlaqa'.

14. B'digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2023, din il-Qorti appuntat l-appell għas-smigħ skont l-**Artikolu 207(7) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

15. Inżamm smigħ quddiem din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru, 2023 u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata din id-deċiżjoni llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Qabel ma' din il-Qorti tgħaddi biex tqis l-appell tal-konvenuta, hemm bżonn li din il-Qorti tindirizza tliet preġudizzjali mqajma mill-attur dwar is-siwi tar-rikors tal-appell, għaliex jekk jinstab li dawn huma fejjieda, allura l-appell jieqaf hawn.

17. Fl-<u>ewwel preġudizzjali</u> tiegħu, l-appellat jgħid li l-appell ma jiswiex għaliex fil-kopja tar-rikors tal-appell li huwa rċieva, la hemm il-firma tal-prokuratur legali u lanqas dik tal-appellanta.

18. Il-Qorti tosserva li fir-rikors tal-appell oriġinali hemm kemm il-firma tal-Avukat Timothy Bartolo, kif ukoll il-firma tal-Prokuratur Legali Gerald Bonello. M'hemm xejn għalhekk irregolari fir-rikors tal-appell dwar dan l-aspett.

19. Dwar imbagħad in-nuqqas ta' firma tal-appellanta fuq ir-rikors tal-appell, il-liġi tgħid fl-**Artikolu 172(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni Proċedura**, li l-appellant jista' jiffirma r-rikors tal-appell u mhux li għandu jiffirma r-rikors tal-appell. Għalhekk m'hemm xejn irregolari fir-rikors tal-

appell anke minn dan l-aspett, b'dana li l-ewwel preġudizzjali tal-attur appellat qiegħda tiġi miċħuda.

20. Fit-tieni preġudizzjali tiegħu, l-attur jargumenta li bil-liġi ma jistax isir appell minn digriet kamerali sakemm il-kawża ma tkunx inqatgħet b'sentenza finali.

21. Il-Qorti tqis li l-kwistjoni marbuta ma' appelli minn digrieti tinsab regolata bl-**Artikolu 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Jekk wieħed jifli sew dan l-artikolu, wieħed isib li dan l-artikolu jirregola tliet kategoriji differenti: (i) digrieti li ma jistax isir appell minnhom ħlief flimkien ma' appell mis-sentenza finali; (ii) digrieti li jista' jsir appell minnhom mill-ewwel mingħajr il-permess tal-Qorti, anke jekk ma tkunx għadha ngħatat is-sentenza finali; u (iii) digrieti li jistgħu jiġu appellati qabel is-sentenza finali, jekk jinkiseb il-permess speċjali mill-Ewwel Qorti (ara f'dan is-sens ***Go p.l.c. v. Natalino Zammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Mejju, 2015).

22. Id-digrieti li jaqgħu fl-ewwel kategorija (i.e. dawk li ma jistgħux jiġu appellati ħlief mas-sentenza finali) huma mniżżla speċifikatament fl-**Artikolu 229(1)**, filwaqt li digrieti li jaqgħu fit-tieni kategorija (i.e. dawk li jistgħu jiġu appellati mill-ewwel qabel is-sentenza mingħajr permess tal-Ewwel Qorti) huma mniżżla speċifikatament fl-**Artikolu 229(2)**.

23. Kull digriet interlokutorju ieħor li ma jinsabx imniżżel fil-listi provduti fl-**Artikolu 229(1)** u **(2)** jista' jiġi appellat biss, jekk kemm-il darba min ikun irid jappella minn dak id-digriet jikseb permess speċjali mill-Ewwel Qorti. Ifisser għalhekk li digrieti li jaqgħu f'din it-tielet kategorija jistgħu jiġu appellati biss qabel is-sentenza finali, jekk l-Ewwel Qorti taċċetta li jista' jsir tali appell (ara l-**Artikolu 229(3)**). Naturalment dan il-permess tal-Ewwel Qorti huwa mitlub biss jekk ikun irid isir appell minn digriet, fi stadju meta tkun għadha ma ngħatatx is-sentenza finali u mhux meta jkun irid isir appell minn dak id-digriet wara li tkun ingħatat is-sentenza finali (ara ***Pauline sive Polly Bonnici pro et noe v. Fr. Marc André Camilleri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).

24. Illi l-liġi tagħna ma tagħtix tifsira ta' digriet interlokutorju, madankollu huwa miżmum fil-ġurisprudenza li digrieti interlokutorji huma dawk li *non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam* – li maqlub għall-Malti jfisser dawk id-digrieti li ma jaqtgħux l-kwistjoni ewlenija peress li wara dak id-digriet ikun mistenni li trid tingħata sentenza (ara ***Tabib Joseph Grech v. Mary Grech*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili deċiża fl-20 ta' April, 1989).

25. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni ***Paul Tanti pro et noe***

***et v. Sammy Tanti pro et noe*** tad-19 ta' Novembru, 2001, digriet interlokutorju huwa mfisser bħala, "*i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa nella procedura, che sogliono "chiamarsi preparatorie" e quelle che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che "chiamarsi ordinatorie*"".

26. Jiġi b'hekk, li digrieti interlokutorji huma dawk li ġeneralment jipprovdu dwar episodju jew aspett proċedurali matul il-kawża, li jħallu però t-tilwima ta' bejn il-partijiet miftuħa, sewwasew għaliex il-kwistjoni ta' bejn il-partijiet tkun għadha ma spiċċatx (ara ***Joseph Attard et v. Mario Attard et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018).

27. Jissokta jingħad, li digriet li permezz tiegħu l-Qorti taħtar perit skont l-**Artikolu 646 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** huwa mniżżel fl-**Artikolu 229(1)(g)** fost dawk id-digrieti li jaqgħu fl-ewwel kategorija, *viz*. dawk li ma jistgħux jiġu appellati ħlief mas-sentenza finali (ara f'dan is-sens ***Anthony sive Tony Jones v. Tabib Francis Pullicino et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju, 2014 fejn appell li tressaq qabel l-għoti tas-sentenza finali ġie meqjus bħala wieħed null).

28. Fil-każ tal-lum iżda l-Ewwel Qorti bid-digriet tagħha, li minnu qed isir dan l-appell, ma ħatritx perit, anzi, ċaħdet talba biex jinħatar il-perit.

29. Digriet bħal dan mhuwiex wieħed minn dawk id-digrieti li jissemmew fl-**Artikolu 229(1)** u **(2)**. Għalhekk dan id-digriet la jaqa' fl-ewwel u lanqas fit-tieni kategorija ta' digrieti fuq imsemmija.

30. Mill-banda l-oħra, din il-Qorti tqis li digriet ta' ċaħda ta' perit huwa wieħed ta' sura interlokutorja għaliex jindirizza kwistjoni ta' għamla proċedurali jew preparatorja qabel ma tingħata s-sentenza finali fuq il-mertu aktar 'il quddiem. Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li skont l-**Artikolu 644 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** l-perizja hija mezz ta' prova li tista' titressaq waqt kawża. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti, digriet li jċaħħad il-prova b'espert huwa wieħed li jaqa' fit-tielet kategorija ta' digrieti li jista' jiġi appellat qabel l-għoti tas-sentenza, basta li jinkiseb il-permezz tal-Ewwel Qorti skont l-**Artikolu 229(3)**.

31. Din il-Qorti għalhekk ma taqbilx mal-attur li dan id-digriet jista' jiġi appellat biss flimkien mas-sentenza finali. L-ewwel preġudizzjali tal-attur għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

32. L-<u>aħħar preġudizzjali</u> tal-attur kontra s-siwi tal-appell tal-konvenuta tinsab imsejsa fuq l-argument li l-Ewwel Qorti ma qratx pubblikament id-digriet tat-22 ta' Novembru, 2022.

33. Kif ħa naraw iżda anke din il-preġudizzjali hija ħażina.

34. Huwa minnu li skont l-**Artikolu 229(3)**, appell minn digriet bħal dan jista' jsir qabel is-sentenza definittiva, jekk il-Qorti li tkun qiegħda titratta l-każ, tagħti permess speċjali sabiex dan isir, wara li tirċievi talba fi żmien għaxart ijiem mill-jum meta d-digriet jinqara bil-miftuħ fil-Qorti. Li donnu ħarab lill-attur huwa l-fatt jekk id-digriet interlokutorju jingħata *in camera*, it-terminu ta' għaxart ijiem jitlaq skont l-**Artikolu 229(10)**, mid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata d-digriet *in camera*.

35. Bħalma ngħad mill-Qorti Kostituzzjonali fid-deċiżjoni ***Annetto Farrugia v. Avukat Ġenerali*** mogħtija fid-29 ta' Marzu, 2019, l-iskop li digriet jinqara bil-miftuħ hu biss sabiex il-parti telliefa tkun taf bih minnufih u tkun f'qagħda li tappella minnu. F'każ ta' digriet interlokutorju li jkun ingħata *in camera* hija l-liġi stess li tgħid li dan id-digriet, "*jitqies bħala li jkun inqara bil-miftuħ fil-qorti fid-data tal-ewwel seduta ta' dik il-kawża li tiġi minnufih wara li jkun ingħata.*"

36. Fil-każ tal-lum, għall-għanijiet tal-liġi, id-digriet kamerali mogħti mill-Ewwel Qorti fit-22 ta' Novembru, 2022 ġie meqjus bħala moqri fil-miftuħ dakinhar li nżammet l-ewwel seduta fl-24 ta' Jannar, 2023. Kemm

hu hekk, il-liġi fl-**Artikolu 229(10)** torbot il-*punctum temporis* mad-data tal-ewwel seduta wara li jingħata d-digriet kamerali u mhux mad-data tal-ewwel seduta meta jinqara d-digriet kamerali.

37. Possibilment, wieħed seta' jargumenta li hemm in-nullità tad-digriet inkwistjoni, li kieku l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza finali, bla ma żammet seduti oħrajn wara li tat id-digriet kamerali, bħalma ġara fil-kawża ***Maria Azzopardi v. Joseph Calleja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fil-15 ta' Diċembru, 2003. Fil-każ tagħna, iżda kien hemm seduta wara d-digriet kamerali tat-22 ta' Novembru, 2022 u għalhekk ma jistax iqum dan l-argument.

38. Jirriżulta għalhekk, li kontra dak li jippretendi l-attur, ma kienx hemm bżonn li l-Ewwel Qorti toqgħod taqra d-digriet tagħha waqt is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2023 biex jiskatta l-jedd tal-konvenuta biex titlob il-permess ħalli tkun tista' tappella. Dan il-jedd biex titlob il-permess għall-appell telaq mill-ewwel b'effett tal-**Artikolu 229(10)**, malli nżammet is-seduta tal-24 ta' Jannar, 2023.

39. L-aħħar preġudizzjali tal-attur għalhekk sejra tiġi miċħuda wkoll.

40. Hekk li ġew imwarrba l-preġudizzjali kollha kontra s-siwi tar-rikors tal-appell, il-Qorti tista' minnufih tgħaddi biex tqis il-mertu tal-appell

innifsu dwar jekk huwiex il-każ li jiġi maħtur espert tal-Qorti biex jistma l-valur tax-xogħol li l-attur jgħid li wettaq fuq id-dar matrimonjali bl-għaraq ta' xbinu.

41. Fl-aggravju tagħha, il-konvenuta tilmenta mill-fatt li l-ħatra tal-espert tekniku hija meħtieġa sabiex ikun hemm prova realistika u oġġettiva dwar l-ammont u l-valur tax-xogħlijiet allegatament imwettqa mill-attur.

42. Min-naħa l-oħra, l-attur jipprotesta bil-qawwa għall-ħatra tal-espert għax isostni li din it-talba tal-konvenuta hija biss manuvra biex ittawwal il-kawża u terġa' tiftaħ beraħ il-ġbir tal-provi.

43. Kif indikat aktar kmieni, l-Ewwel Qorti ppreċiżat fid-digriet tat-13 ta' Frar, 2023, li hija kienet ċaħdet il-ħatra tal-perit għaliex il-kawża kienet ilha għaddejja aktar minn ħames snin u li din it-talba saret tard min-naħa tal-konvenuta għaliex kienu qegħdin jinstemgħu l-aħħar kontroeżamijiet.

44. Il-Qorti titlaq billi tgħid, li hija regola ġenerali illi l-Qorti tal-Appell ma tidħolx fil-ġudizzju tal-Ewwel Qorti ħlief f'każijiet eċċezzjonali dwar ir-rilevanza tal-provi. Għalhekk hu mħolli għad-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti, jekk għandhiex tinnomina periti u x'inkarigu għandha tagħtihom

(ara ***Carmelo Bezzina et v. John Portelli et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fit-30 ta' Mejju, 2007).

45. Ingħad aktar minn mitt sena ilu mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Michael'Angelo Mallia et v. Constantino Micallef*** deċiża fit-22 ta' Marzu, 1911, li l-ħatra ta' espert hija fakoltattiva u mhux mandatorja fuq il-Qorti, u li "*tale dispendioso rimedio si deve ricorrere soltanto laddove le particolari circostanze e le considerazioni techniche, alle quali il giudicante fosse del tutto estraneo, lo consentissero.*" Maqlub għall-Malti jfisser: li ladarba r-rimedju tal-espert huwa wieħed li jista' jipprovoka nefqa kbira, allura huwa xieraq li dan ir-rimedju għandu jintuża biss f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn ikun hemm bżonn ta' konsiderazzjonijiet tekniċi li dwarhom il-ġudikant ma jkollux għarfien.

46. Tajjeb illi jingħad ukoll li l-konsulenza teknika ta' espert isservi mhux biss bħala mezz ta' prova li hija disponibbli għall-partijiet iżda sservi wkoll bħala mezz biex jgħin lill-ġudikant jaqta' kwistjonijiet diffiċli dwar punti tekniċi li fuqhom huwa jkollux dehen (ara ***Geswalda Saliba v. Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fid-9 ta' Settembru, 2008).

47. Kemm hu hekk skont l-**Artikolu 644 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-Qorti tista' taħtar espert minn

jeddha. Wara kollox, ħadd m'għandu jaħseb, li meta każ irid jitressaq quddiem Qorti għad-deċiżjoni tagħha, dan ikun għaliex il-Qorti taf kollox jew għax tifhem f'kollox. Huma bosta ċ-ċirkostanzi fejn każ li jitressaq quddiem Qorti jkun ta' materja tant teknika jew speċjalizzata li jkun meħtieġ għall-Qorti li taħtar u ddur fuq nies imħarrġa u midħla tal-kwistjoni biex jgħinuha.

48. Sewwasew fil-każ tal-lum, din il-Qorti ma taqbilx mal-attur li t-talba tal-konvenuta biex jinħatar perit saret biss biex ittawwal il-proċeduri. Meta wieħed iqis li l-attur qiegħed jallega li wettaq xogħlijiet u servizzi fid-dar matrimonjali li għandhom valur ta' €125,596 mingħajr VAT, hija ħaġa li tistenniha li l-kontroparti titlob għall-ħatra ta' espert biex jagħti l-valutazzjoni oġġettiva u newtrali tiegħu fuq il-valur ta' dawn ix-xogħlijiet u servizzi.

49. Barra minn hekk, skont il-prospett li jinsab f'paġni 132 sa 136 tal-atti tal-kawża, dan l-ammont ta' €125,596 jikkonċerna fost ħwejjeġ oħra: qlugħ ta' żebgħa minn mal-ġebla, ftuħ ta' fili, tikħil, armar, tindif bil-*wire brush,* ħasil tal-ħitan, passati ta' ħalib, livellar bil-kolla għall-*parquet*, qatran, tindif ta' katusi, xogħol ta' prevenzjoni mill-ilma fuq il-bejt, passati biż-żejt tal-kittien, xkatlar, passati verniċ, passati żebgħa, twaħħil ta' sopraporti, tqattigħ ta' trinek, bdil fis-sistema tad-dawl u ilma, ġarr u tqegħid ta' torba, qlugħ ta' madum, qlugħ ta' funtana, qlugħ ta' bibien,

ġarr fuq l-ispalel ta' materjal, ġarr u mili ta' skips, twaħħil ta' pajpijiet għall-inxir, twaħħil ta' parakwi u ventilaturi, twaħħil ta' aċċessorji fil-kmamar tal-banju, twaħħil ta' pitturi u xkafef, superviżjoni fuq xogħlijiet imwettqa minn terzi, xiri ta' materjal u użu tal-vettura.

50. Biex l-Ewwel Qorti tkun f'qagħda li tiddetermina jekk il-valur ta' €125,596 mogħti mill-attur għal dawn ix-xogħlijiet u servizzi huwiex mistħoqq jew le, hija bilfors li għandha bżonn ta' assistenza teknika. Għalhekk din il-Qorti taqbel mal-appellanta li hemm bżonn ta' ħatra ta' espert.

51. L-Ewwel Qorti iżda ma ċaħditx it-talba għall-ħatra tal-perit minħabba li ma kienx hemm bżonnha. Ċaħditha għaliex il-kawża ilha għaddejja għal aktar minn ħames snin u għaliex din it-talba saret tard min-naħa tal-konvenuta għaliex kienu qegħdin jinstemgħu l-aħħar kontroeżamijiet.

52. Fil-fehma ta' din il-Qorti iżda dawn ir-raġunijiet mogħtija mill-Ewwel Qorti mhumiex fejjieda biex tiġi miċħuda t-talba tal-konvenuta għall-ħatra ta' perit. Ibda biex, għalkemm huwa veru li l-kawża ilha għaddejja sa mill-25 ta' Mejju, 2018, meta l-attur ippreżenta r-rikors maħluf tiegħu, madankollu huwa veru wkoll li kien biss fis-seduta tat-23 ta' Marzu, 2022 li l-Assistent Ġudizzjarju vverbalizzat li l-attur kien

għalaq il-provi tiegħu (ara paġna 1471 tal-atti tal-kawża). Jiġifieri erba' snin minn ħamsa minn mindu nbdiet din il-kawża, ittieħdu mill-attur appellat biex iressaq il-provi tiegħu. Jiġi b'hekk, li l-fatt waħdu li l-kawża ilha għaddejja aktar minn ħames snin ma jistax jiġi imputat fuq il-konvenuta biex jiġi miċħud lilha l-jedd li titlob għall-ħatra ta' perit.

53. Huwa minnu li mhux sew li parti titlob għall-ħatra ta' perit wara li jkunu ngħalqu l-provi (ara ***Euch Zammit and Sons Limited v. Coleiro General Supplies Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Novembru, 2020) u jaħbat aħjar li wieħed jaħseb kmieni għall-ħatra ta' perit, sabiex b'hekk il-kawża ma ddumx aktar milli jmissha. Fil-każ tagħna iżda l-Qorti ma jidhrilhiex li l-konvenuta ressqet tard ħafna t-talba tagħha għall-ħatra ta' perit.

54. Dan qed jingħad mhux biss għaliex ir-rikors tat-3 ta' Novembru, 2022 għall-ħatra tal-perit tressaq fi żmien ta' inqas minn tmien xhur wara li kien ġie vverbalizzat li l-attur kien għalaq il-provi, iżda anke għaliex meta ġie ppreżentat dan ir-rikors, ma kinux għadhom ingħalqu l-provi tal-konvenuta. Tant hu hekk, li fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru, 2022 kien ġie ddikjarat li l-kawża kienet qiegħda titħalla għall-provi tal-konvenuta (ara paġna 2053 tal-atti tal-kawża). Barra minn hekk, meta saret din it-talba għall-ħatra tal-espert, kien għadu ma ntemmx il-kontroeżami tal-attur u jirriżulta li l-avukat tal-konvenuta kien għadu ma

bediex jistaqsi mistoqsijiet dwar ix-xogħlijiet u s-servizzi li dwarhom huwa qed ifittex il-kumpens. F'dan il-kuntest wieħed ma jistax ma jqisx li l-ewwel affidavit tal-attur huwa mifrux fuq 165 paġna u għalhekk il-kontroeżami tiegħu bilfors irid ċertu tul ta' ħin.

55. Kollox ma' kollox għalhekk din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ jeżistu ċirkostanzi speċjali biex hija tħassar id-digriet tal-Ewwel Qorti fejn hija ċaħdet it-talba tal-konvenuta għall-ħatra tal-espert. Minflok din il-Qorti qiegħda tilqa' din it-talba tal-konvenuta biex jinħatar perit skont l-**Artikolu 644 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-appell tal-konvenuta u b'hekk qiegħda tħassar id-digriet tal-Ewwel Qorti mogħti fit-22 ta' Novembru, 2022 u minflok qiegħda tilqa' r-rikors tal-konvenuta mressaq fit-3 ta' Novembru, 2022 sabiex jinħatar perit.

L-atti tal-kawża għalhekk qegħdin jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex hija taħtar perit skont il-mod imsemmi fl-**Artikoli 646** u **647 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

L-għan tal-perizja huwa li l-perit jieħu kont tal-prospett ippreżentat mill-

attur f'paġni 132 sa 136 tal-atti tal-kawża, li jżur id-dar bl-indirizz 39, fi Triq Santu Wistin, ir-Rabat fil-preżenza tal-partijiet u/jew tal-avukati tagħhom u li jħejji rapport finali fejn jindika fih in-numru ta' sigħat li jqis li kienu raġonevolment meħtieġa għat-twettiq u t-tlestija ta' kull ħaġa msemmija fil-prospett u r-rata tal-ħlas fiż-żmien li dawn il-ħwejjeġ saru.

Il-Perit m'għandux jaċċetta l-inkarigu jekk huwa ġa b'xi mod ikkomunika ma' xi waħda mill-partijiet dwar is-suġġett ta' din il-kawża. Minbarra dan, huwa għandu jiddikjara mill-ewwel jekk ġieli għamel xi xogħol ta' kull natura lil xi waħda mill-partijiet fil-kawża jew inkella jekk hemmx xi raġuni ta' kunflitt ta' interess.

Fit-twettiq ta' dmirijietu l-Perit għandu jkun suġġett għall-jeddijiet, obbligi u konsegwenzi msemmija fl-**Artikoli 658** sa **681** tal-**Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

Il-Perit mhuwiex awtorizzat li jżomm seduti biex jisma' xhieda, ħlief bil-permess tal-Ewwel Qorti. Huwa lanqas ma jista' jirċievi noti jew dokumenti.

Ir-rapport tal-Perit għandu jitlesta sa mhux aktar tard minn erba' xhur minn meta huwa jaċċetta dan l-inkarigu u dan sakemm l-inkarigu tiegħu ma jiġix imtawwal lilu bil-permess tal-Ewwel Qorti.

Il-ħlas marbut ma' dan ir-rapport għandu jitħallas b'mod proviżorju mill-konvenuta, ladarba l-ħatra tal-perit saret fuq talba tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tordna li l-ispejjeż marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-attur Rennie (Redeemer) Abela.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr